# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 980/2015 MH**

**Illum, 6 ta' Lulju, 2018**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

1. **Selkies Limited (C 35552)**
2. **Karl u Pamela mizzewgin Allmark (K.I. numri 72137 (A) u 205368 (M))**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tal-Bank attur tas-16 ta' Ottubru 2015** li permezz tieghu gie premess:

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti, maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Andre Farrugia, datati 4 ta' Ottubru 2011 (Dok. "A" u Dok. "B") u permezz ta' skrittura privata datata 18 ta' Marzu 2014 (Dok.*

*"C") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Selkies Limited.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' Selkies Limited fis-somma ta' wiehed u sittin elf, hames mija u zewg Ewro u erbghin centezmu (€61,502.40) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' Selkies Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D"", Dok. "E1 sa E2" u Dok. "F1 sa F2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-22 ta' Mejju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi permezz ta' zewg kuntratti, maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Andre Farrugia datati 4 ta' Ottubru 2011 (Dok. "A" u Dok. "B") u permezz ta' zewg skritturi privati datati 23 ta' Dicembru 2009 (Dok. "G") u l-ohra datata 22 ta' Gunju 2011 (Dok."H") il-konvenuti Karl u Pamela mizzewgin Allmark iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Selkies Limited ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c., id-debiti ta' l-istess Selkies Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.*

4. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti "A", "B", "C", "G" u "H" ) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Selkies Limited, u Karl u Pamela mizzewgin Allmark*

*(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta' Selkies Limited, u*

*Karl u Pamela mizzewgin Allmark li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

5. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

6. *Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 24 ta' Gunju 2014 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "I" u "J", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument "A", "B", "C", "G" u "H") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Selkies Limited, u Karl u Pamela mizzewgin Allmark (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Selkies Limited, u Karl u Pamela mizzewgin Allmark , li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

2. *Tikkundanna lill-konvenuti kollha u cioe' lis-socjeta' Selkies Limited, u Karl u Pamela mizzewgin Allmark , ihallsu flimkien u in solidum bejniethom, lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u sittin elf, hames mija u zewg Ewro u erbghin centezmu (€61,502.40) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' Selkies Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D"", Dok. "E1 sa E2" u Dok. "F1 sa F2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-22 ta' Mejju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 24 ta' Gunju 2014 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni. (Dok. "I" u "J").*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci.

Rat ix-xhieda ta' **Rose Cortis**, rapprezentant tal-Bank tal-15 ta' Lulju 2016[1] li qalet li ma kien sar ebda depozitu tal-ammont mitlub minn meta gie prezentat ir-rikors guramentat. Ghalhekk il-bilanc kien ghadu dovut u zdied bl-imghax.

Rat in-**Nota ta' Riduzzjoni** tal-Bank attur tal-1 ta' Frar 2017 permezz ta' liema giet ridotta t-tieni talba ghas-somma ta' €55,690.36 flimkien mal-imghax legali mill-31 ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv stante depoziti li saru fil-mori tal-kawza[2].

[1] Fol 77
[2] Fol 80

Rat in-**Nota ta' Riduzzjoni** tal-Bank attur tat-28 ta' Gunju 2017 permezz ta' liema regghet giet ridotta t-tieni talba ghas-somma ta' €50,816.85 flimkien mal-imghax legali mill-31 ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv stante depoziti ulterjuri li saru fil-mori tal-kawza[3].

Semghet ix-**xhieda ta' Martin Brincat**[4], in rapprezentanza tal-Bank attur li qal li f'Dicembru 2009 il-Bank kien ta overdraft ta' €30,000 minhabba li s-socjeta' konvenuta, klijent tal-Bank, riedu joperaw diving centre gewwa tas-Sliema u ta wkoll loan biex jithallsu arretrati tal-VAT. Wara erba' snin pero' l-facilitajiet gew ristrutturati minhabba li l-kumpanija kienet qed iggarrab telf u ma bdewx ilahhqu mal-ispejjez. Minkejja dan, sena wara r-relazzjoni giet trasferita mill-main stream ghar-recoveries fejn hemmhekk bdiet issir pressjoni biex il-Bank jithallas. Saret ittra ufficjali, inbdiet il-kawza u sal-lum il-Bank ghadu ma thallasx l-ammont kollu dovut ghalkemm saru xi depoziti fil-frattemp. Qal li l-bilanc sal-ahhar ta' Jannar 2018 kien ta' €49,343.19 oltre l-imghaxijiet legali.

Semghet ix-**xhieda ta' Dorianne Tanti**, rapprezentanta tal-Bank, tat-**23 ta' Mejju 2018**[5] li qalet li kienu regghu saru xi depoziti ohra mis-socjeta' konvenuta u sa dakinhar il-bilanc kien ta' €48,903.49 bl-imghax jizdied kuljum u jiddekorri mis-17 ta' Mejju 2018.

Rat in-**Nota tal-Bank attur tat-23 ta' Mejju 2018**[6] permezz ta' liema (i) irrileva li kuntrarjament ghal dak imnizzel fil-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2018, il-Bank qatt ma rrinunzja ghas-sorte, anzi kif xehed l-istess rapprezentant taghha fl-istess seduta, il-Bank ghadu kreditur tas-socjeta' konvenuta f'somma sostanzjali; u (ii) ddikjara li fil-mori tad-differiment saru pagamenti ohra mill-

[3] Fol 82
[4] Fol 85 et seq
[5] Fol 88
[6] Fol 87

istess konvenuti u ghalhekk il-Bank rega’ rriduca l-pretensjoni tieghu ghas-somma ta’ €48,903.49 flimkien mal-imghax legali mis-17 ta’ Mejju 2018 sal-jum tal-pagament effettiv.

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Il-Bank attur kien ikkonceda facilitajiet bankarji lis-socjeta’ konvenuta izda din sfat moruza fil-hlasijiet u minkejja li l-konvenuti gew ufficjalment interpellati biex jersqu ghall-hlas, dawn baqghu inadempjenti u kellha ssir il-kawza odjerna.

Ghalkemm fil-mori tal-kawza saru xi pagamenti lill-Bank mill-konvenuti, ghad fadal bilanc ta’ hlas dovut flimkien mal-imghax relattiv. Sat-23 ta’ Mejju 2018 il-bilanc pendenti ta’ hlas dovut kien ta’ €48,903.49 oltre l-imghax.

Fic-cirkustanzi t-talbiet tal-Bank attur jimmeritaw li jigu akkolti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tal-Bank attur u tordna lill-konvenuti sabiex flimkien u in solidum bejniethom ihallsuh is-somma ta’ €48,903.49 (jew f’kaz li fil-frattemp saru aktar hlasijiet mill-konvenuti, kwalunkwe somma ohra li fadal pendenti). Dan bl-imghaxijiet relattivi sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez kollha ikunu a karigu tal-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**